MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2013

Rikors Numru. 448/2013

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, wara li ppremetta :

Illi l-partijiet izzewgu fit-tletin ta' Settembru tas-sena elf disa' mija u hamsa u disghajn (30/09/1995) u dan minn kif jidher mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dok A;

Illi minn dan iz-zwieg twieldet tifla, N, li illum ghandha tnax-il sena (12);

Illi l-partijiet huma legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Peter Fleri Soler, fil-wiehed u ghoxrin ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (21/05/2013) hawn anness u mmarkat Dok B;

Illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal dawn l-ahhar tmien snin;

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi ilhom tmin snin jghixu hajja totalment separata minn xulxin;

Illi fl-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni l-mara iddekadiet mid-dritt li tippercepixxi manteniment minghand zewgha minhabba ragunijiet validi fl-ligi li jaghtu lok ghal tali dekandenza, filwaqt illi r-ragel irrinunzja ghad-dritt tieghu li jippercepixxi manteniment minghand martu;

Illi f'klasola nru. 3A ir-ragel huwa obbligat illi jghaddi manteniment ghal binthom minuri u huwa dejjem ta il-manteniment skond dak miftiehem u qatt ma kien hemm xi proceduri gudizzjarji f'dan ir-rigward;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skond l-artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat in-nota guramentata tal-intimat, illi permezz taghha :

i. tikkonferma li l-partijiet izzewwgu fit-30 ta' Settembru, 1995 u sseparaw legalment fil-21 ta' Mejju, 2013 permezz ta' kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Peter Fleri Soler.

ii. tikkonferma li l-partijiet ilhom separati *de facto* ghal dawn l-ahhar 8 snin u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

iii. tikkonferma li m'hemmx kwistjoni ta' manteniment bejn il-kontendenti u li t-termini stabbiliti fil-kuntratt ta' separazzjoni ghar-rigward il-manteniment tal-minuri qed jigu osservati mir-rikorrent.

iv. titlob li l-ispejjez ta' din il-procedura ghandhom ikunu a karigu tar-rikorrenti, stante li m'hijiex l-esponenti li qed titlob id-divorzju.

v. tirrimetti ruhha ghad-decizjoni ta' din l-Onor Qorti fir-rigward it-talbiet tar-rikorrenti.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' Settembru 2013;

Rat in-nota guramentata tal-intimata;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi biex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mill-21 ta' Mejju 2013, izda ilhom jghixu separatament ghal dawn l-ahhar tmien snin;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenza fir-rigward ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-

partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------